C/2024/1348

5.2.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' Zimbabwe Defence Industries, entità li għaliha japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/460, u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe

(C/2024/1348)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-entità li tidher fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/460 ([2]), u fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 ([3]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-entità li tidher fl-Annessi msemmija hawn fuq għandha tibqa' tidher fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2011/101/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 314/2004.

Qiegħda tingħibed l-attenzjoni tal-entità kkonċernata għall-possibbiltà li titressaq talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat (i) Membru/i rilevanti kif indikat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament).

L-entità kkonċernata tista' tressaq talba lill-Kunsill qabel l-1 ta' Novembru 2024, flimkien ma' dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex terġa' titqies id-deċiżjoni li tiġi inkluża u miżmuma fil-lista msemmija hawn fuq. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Qiegħda tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-entità kkonċernata dwar il-possibbiltà li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6.
([2]) OJ L, 2024/460, 5.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/460/oj
([3]) ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1.